Parlament Ewropew
2019-2024

TESTI ADOTTATI

P9_TA(2023)0451

Nomina ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri – João Leão

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar il-ħatra proposta ta’ João Leão għall-kariga ta’ Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C9-0397/2023 – 2023/0814(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0397/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 129 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0391/2023),

A. billi, bl-ittra tal-25 ta’ Ottubru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta’ João Leão għall-kariga ta’ Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b’mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta’ din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilu;

C. billi dan il-Kumitat imbagħad, fid-29 ta’ Novembru 2023, ipproċeda b’seduta ta’ smigħ tal-kandidat, li matulha dan għamel stqarrija preliminari, u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta’ João Leão għall-kariga ta’ Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni

lill-Kunsill u, għal skopijiet ta’ informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.